MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2007

Numru 417/2004

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Jonathan Azzopardi ta' 20 sena iben Vincent u Matilda nee' Sammut mwieled Pieta fil-15 ta' Frar 1984 u residenti 'Adam Eve' No 23, Triq Balbi Marsa, detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 126784M.

Akkużat talli fit-12 ta' Settembru 2003 għall-ħabta tat-3.15pm fil-Marsa kkaġuna grieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuni ta' George Galea (Junior) u dan bi ksur ta' l-Artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-process inkluz ic-certifikat tat-twelid ta' l-imputat (fol 12) li jġib in-numru 1267 tas-sena 1984; il-fedina penali netta tiegħu (fol 13), il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali biex dawn il-proceduri jkunu sommarji, ir-risposta ta' l-imputat li mhux ħati u li ma kellux oġġezzjoni li l-proceduri jkunu sommarji u t-talba tal-Prosekuzzjoni (a fol

73 tal-verbal tat-28 ta' Novembru 2006) sabiex ikun hemm separazzjoni tal-ġudizzju, liema talba kienet milqugħa minn din il-Qorti.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli prosekutur u l-abbli difensur.

Ikkunsidrat.

(a) Illi mix-xhieda ta' Dr. Anton Briffa jirriżulta li l-imputat sofra xi ġrieħi ħfief (fol 21-22) (fol 24)
(b) Mill-istqarrija ta' l-imputat a fol 32 jirriżulta li hu kien aggredit minn George Galea ż-żgħir li qatgħalu l-katina u waddablu ħadida. L-imputat ta xi daqqa ta' ponn lil George Galea ż-żgħir minhabba li l-imputat ma setgħax joħroġ mill-ħanut.
(c) Illi l-imputat għamel rapport dwar dan a fol 35.
(d) Il-kopji tas-sentenzi ma għandhomx x'jaqsmu ma l-imputat għaliex huwa mhux akkuzat b'ricediva.
(e) Ix-xhieda ta' Mario Bonnici hija limitata għall-ħsara fuq il-bieb t'omm l-imputat.
(f) Ma kien ppreżentat ebda certifikat tat-tabib dwar il-ġrieħi allegatament soffreti minn George Galea (Junior) mingħand l-imputat.
(g) Ai termini ta' l-Artikolu 221(4) kien jinħtieġ il-kwerela f'dan il-każ.

Il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 221(1)(3) tal-Kap 9, fl-assenza ta' xi prova li l-imputat għamel xi ġriehi ta' natura ħafifa fuq George Galea (Junior), qed tillibera lill-imputat Jonathan Azzopardi mill-imputazzjonijiet dedotti kontrieh.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------